# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 4 ta' Lulju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 240 / 17RGM

Kawża fil-lista: 15

**X R**
**vs**
**Direttur Registru Pubbliku; S R; Y R; u**
**l-Avukat Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat li permezz ta' digriet datat l-1 ta' Dicembru 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri F R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi fil-31 ta' Marzu 2011 twieldet il-minuri F R hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid;

2. Illi omm il-minuri, u cioe` S R hija l-mara ta' Y R.

3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut Y R huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri imsemmija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitwieled fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi.

4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, kif ukoll kif' jirrizulta mic-certifikat tad-DNA, il-missier naturali tal-minuri imsemmija huwa l-attur.

5.	Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1.	Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut Y R m'huwiex il-missier naturali tal-konvenut minuri F R u tiddikjara illi l-missier naturali taghha huwa l-attur.

2.	Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri F R billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "Y R" jigi sostitwit b' “X R”; fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier it-tarbija, flok dak imnizzel jitnizzel "delivery man"; fejn hemm miktub fejn twieled, jitnizzel flok dak imnizzel "Pieta"; fejn hemm miktub fejn joqghod flok dak imnizzel, jitnizzel "Zejtun"; u fejn hemm imnizzel "isem u kunjom il-missier, u .jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija) flok dak imnizzel jitnizzel "Emanuel R (haj)”.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1.	Illi in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega ai termini tal-Artikollu 77C tal-Kodici Civili u dan ghaliex it-terminu stabbilit mill-ligi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f’liema perjodu l-persuna ikkoncernata tkun tista' tipprocedi b'kawza ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 778 tal-Kodici Civili, ghadda. Ghaldaqstant, f’dan l-istadju ghandu jigr ddikjarat jekk l-attrici gietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi b'din il-kawza istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f’gieh l-ekonomija tal-gudizzju, l-attrici ghandha tirregola l-posizzjoni taghha immedjatament;

2.	Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari ghall-paternita' in kwistjoni tal-minuri F R, naturalment ma hijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati mill-attur fir-rikors guramentat;

3.	Illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti, l-attur ghandu ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprova 1i fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u hamsin gurnata qabel it-twelid tal-minuri F R, ir-ragel tal-konvenuta kien fl-impossibilta’ fizika li jghammar ma' martu minhabba f'li kien

boghod minnha jew minhabba f'xi accident iehor jew li l-konvenuta kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel bhala l-missier naturali tat-tifel.

4. Illi mid-dokumenti annessi, jidher illi diga' sar test tad-DNA, li jikkonferma li l-attur huwa l-missier biologiku tal-minuri. Ghal tali test, l-esponent ma jsib l-ebda oggezzjoni, salv pero` illi dan it-test ghandu jkun mahluf mit-tekniku li wettaq l-istess test.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u stante li l-minuri ghandha kwazi seba' snin, ghandha ukoll tigi meghluba l-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentament ghal din l-Onorabbli Qorti jigi ppruvat li l-pussess ta' stat tal-minuri F R ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponent ha konjizzjoni tad-dettalji kollha tal-attur X R, sabiex f'tali kaz d-dettalji ta' Y R li jinsabu inseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri F R, jigu sostitwiti b' dawk tal-attur;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u ghal kull buon fini, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi Kim Elmer a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, l-kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem Y R, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni elf, mitejn, erbgha u sebghin tas-sena elfejn u hdax (1274/2011);

9. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u ghalhekk hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-digreit taghha tal-1 ta' Dicembru 2017 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Dr Josette Sultana u lill-Prokuratur Legali Gillian Muscat bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw illi ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-rikors tal-attur tal-20 ta' Frar 2018 li permezz tieghu talab l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 anness mieghu affidavit tal-istess attur li jaqra kif gej:-

"Jiena iltqajt................fol 57 ..................... jien il-missier".

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-11 ta' April 2018 li permezz tieghu akkordat l-imsemmi rikors.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-senteza;

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li jigi dikjarat illi l-minuri li weldet il-konvenuta R xahrejn wara li gie ppubblikat il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali ta' bejniethom ma bint ir-ragel taghha izda bintu. Ghalhekk qed jitlob illi minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri jitnehhew isem u l-konnotati tal-konvenut Y R u minflok jitnizzlu ismu u l-konnotati tieghu bhala missier il-minuri.

**Provi**.

Semghat ix-xhieda tal-attur fl-udjenza tal-11 ta' April 2018 fejn spjega illi meta l-konvenuta S R kienet ghadha toqghod ma' zewgha l-konvenut Abert R huwa kellha relazzjoni intima maghha wara li sar jafha bhala wahda mill-klijenti tieghu fil-hanut li kien jiggestixxi. Harget tqila bit-tifla F li twieldet fil-31 ta' Marzu 2011. Il-konvenuti Alfred u S konjugi R isseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Elena Farrugia fis-7 ta' Jannar 2011 u peress li ma kienx ghadu ghadda t-terminu statutorju il-minuri giet registrata fuq isem il-konvenut Y R bhala r-ragel tal-omm.

L-attur xehed illi huwa kien prezenti meta l-konvenuta weldet lill-minuri. Ghalkemm l-attur u l-konvenuta qatt ma ikkoabitaw huma zammew relazzjoni tajba u lill-minuri jaraha kuljum u jipprovdi ghall-bzonnijiet kollha taghha. Jigbor lit-tifla mill-iskola u wara li tqatta' certu hin mieghu johodha ghand ommha. Iddikjara lill-minuri issejjahlu bil-kliem "pa" jew "daddy" filwaqt li lill-genituri tieghu issejhilhom bhala nanniet.

Fl-istess udjenza xehdet il-konvenuta S R li kkonfermat it-testimonjanza tal-attur. Spjegat illi l-minuri tafu lill-konvenut Y R bhala li kien ir-ragel taghha pero' mill-bidunett il-minuri kienet taf li missierha huwa l-attur.

Xehed ukoll il-konvenut Y R li kkonferma illi fiz-zmien li l-konvenuta kienet tqila bil-minuri huma sseparaw. Kien jaf li t-tarbija ma kenitx tieghu minn qabel ma twieldet.

Jirrizulta mill-atti illi fid-9 ta' Mejju 2011 Dr Marisa Cassar irrilaxxjat "DNA Paternity Test Report" fejn iccertifikat illi l-minuri F R hija l-bint naturali tal-attur X R. Dan ir-rapport gie kkonfermat bil-gurament minn Dr Cassar fit-2 ta' Mejju 2018.[1]

Ikkunsidrat;

**Ligi u Gurisprudenza**

Meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati fil-ligi, illi l-wild huwa wkoll iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija, u ghalhekk dan jigi rifless ukoll fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap.16** li jipprovdi illi:-

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell l-ismijiet **Marco Vella vs Pauline Cassar et**[2] intqal hekk fir-rigward tal-artikolu appena citat:-

*"Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet "**Pierre Travers***

[1] A tergo fol. 5
2 Deciza fil-25 ta' Mejju 2007

***Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**” (P.A. FGC 10 ta’ Mejju 1996) inghad li:-*

*Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan… “Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l’incarnazione della formula solenne ‘pater is est quem justae nuptiae demonstrat’.(Diritto Civile. Vol. 1 para 49 page.76)”.*

Huwa ghalhekk illi l-ligi nostrana ma tikkonsidrax b’mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta’ persuni imwielda fiz-zwieg. Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl- Artikolu 67 tal-Kodici Civili fejn insibu affermat illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu". Jirrizulta pacifiku illi din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss *juris tantum* u ssir *juris et de jure* meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att.

**Artikolu 77B**. It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta’ qabel dan, tista’ wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta’ rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma’ dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.

**Artikolu 77Ċ**. Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b’kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:

Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista’, wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-wild, f’kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-

konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B:

Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik iddikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.

**Artikolu 77D**. F'kawżi li għalihom jagħmlu referenza l-artikoli 77, 77A,77B u 77Ċ, il-qorti tista' tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruħhom għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A.

L-**Artikolu 80 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-
*"(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*
*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."*

L-**Artikolu 81 tal-Kap. 16** imbagħad jipprovdi illi:-

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Minn dan s'issa stabbilit huwa ovvju illi meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81, Kap. 16 - jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat – ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, allura, il-paternita` legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi ta' fatt li jigu apprezzati mill-gudikant.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Harsa lejn il-provi mressqa jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju illi mill-mument tat-twelid tal-minuri ir-ragel ta' omm il-minuri qatt ma gie meqjus bhala missier it-tarbija tant illi l-omm u zewgha kienu ghaddew mill-process ghas-separazzjoni personali u kienu ilhom gia' xahrejn li resqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali. Mill-banda l-ohra mill-mument tat-twelid tat-tarbija fil-31 ta' Marzu 2011 l-attur assuma rwol tieghu ta' missier it-tarbija ghalkemm ma kienx hekk registrat fuq l-att tat-twelid tal-minuri. Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi li gie sodisfacentement ippruvat illi l-minuri ma tipposjediex stat bhala bint il-konvenut Y R izda bhala bint l-attur X R. Il-fatt illi t-test tad-DNA sar f'anqas minn xahrejn wara t-twelid tat-tarbija huwa fatt korroborattiv iehor illi mill-bidu nett it-tarbija giet meqjusa bhala bint l-attur.

Il-prova xjentifika ma thalli l-ebda dubju illi l-minuri hija bint l-attur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti bil-mod kif hawn deciz;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri F R ma hiex bint il-konvenut Y R izda bint l-attur X R.

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta oltre li tordna illi jitnehhew minn fuq l-att tat-twelid il-kliem "the said."

3. Tordna li l-minuri tkun maghrufa bil-kunjom R.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta S R.

**Imhallef** **Deputat Registratur**